C/2025/5166

24.9.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M. 11939 — FRIESLANDCAMPINA / MILCOBEL)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5166)

1. Fis-17 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Zuivelcoöperatie FrieslandCampina U.A. ("FrieslandCampina", in-Netherlands)

— Milcobel CV ("Milcobel", il-Belġju)

FrieslandCampina u Milcobel se jingħaqdu bejniethom totalment fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— FrieslandCampina hija kooperattiva tal-ħalib min-Netherlands li tikkonsisti f'madwar 14 000 bidwi tal-ħalib fin-Netherlands, fil-Ġermanja u fil-Belġju. FrieslandCampina tforni prodotti għall-konsumatur, bħall-ħalib, il-jogurt, il-ġobon, in-nutrizzjoni tat-trabi u d-deżerti, prodotti għas-suq professjonali, bħal prodotti tal-krema u tal-butir, ingredjenti u prodotti nofshom lesti għall-produtturi tan-nutrizzjoni tat-trabi, l-industrija tal-ikel u s-settur farmaċewtiku.

— Milcobel hija kooperattiva tal-ħalib Belġjana li tikkonsisti f'madwar 1 400 bidwi tal-ħalib fil-Belġju, fi Franza u fin-Netherlands. Milcobel tifforma kumpanija multinazzjonali li tiżviluppa, tipproduċi u tbigħ firxa ta' prodotti tal-ħalib għall-konsumaturi u l-ingredjenti għall-klijenti professjonali u industrijali madwar id-dinja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11939 — FRIESLANDCAMPINA / MILCOBEL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").